MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2004

Rikors Numru. 127/2002/1

Il-Bord ,

Ra r- rikors ta' Saviour Bugeja fejn jesponi b' rispett :

Illi huwa jikri l- fond ufficjalment immarkat bin- numru 30, Triq il- Biedja, Birzebbugia lil intimata bil- kera ta' Lm 80 (tmenin Lira Maltija) pagabbli kull sena bil- quddiem, u l-ahhar skadenza 10 ta' Awwissu 2002.

Illi ghalkemm l- intimati gew interpellati f' zweg okkazjonijiet separati sabiex ihallsu l- kera dovut ghall perjodu 10 ta' Awwissu 2000 sa 9 ta' Awwissu 2001 u 10 ta' Awwissu 2001 sa 9 ta' Awwissu 2002 huma baqghu inadempjenti.

Illi dan in- nuqqas da parti ta' l- intimati jikkostitwixxi raguni valida fil- ligi sabiex ir- rikorrenti jirriprendu l-pussess tal- fond mghodi lil intimati b' kera kif aktar il- fuq indikat.

Ghaldaqstant l- esponenti jitolbu bir- rispett li dan il- Bord joghgbu illi ghar- ragunijiet premessi jawtorizhom illi jirriprendu l- fond hawn fuq indikat u dan f  perjodu qasir u perentorju li dan il- Bord joghgbu jistabillixxi.

Bl- ispejjes kontra l- intimati.

Ra li l- intimati debitatament notifikati la deheru qatt u lanqas qatt ipprezentaw risposta.

Sema ix- xhieda bil- gurament.

Ra l- atti u id- dokumenti kollha.

Ra l- art 30 tal- Kap 69 tal- ligijiet ta’ Malta.

Jilqa it- talba tar- rikorrenti u jawtorizzhom jerghu jiehdu f’ idejhom il- fond 30, Triq il- Biedja, Birzebbugia; ghall- ghan ta’ tkeccija jaghti xahar (1) zmien minn llum; l- ispejjez jithallsu mill- intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------